# FIL-PRIM AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

# SEDE KOSTITUZZJONALI

## ONOR. IMĦALLEF

## IAN SPITERI BAILEY LL.M. LL.D.

## Illum, l-Erbgħa, 8 ta' Marzu, 2023

**Kawża Nru. 2**

**Rik. Nru. 152/2020 ISB**

**Maltese Cross Company Limited (C 18392)**

**vs**

**Avukat tal-Istat, Maria Regina Granata (ID: 937550M), Mary Carmen Vella (ID: 51152M), Nicolette Vannini (ID: 144002L), Andrea Vannini (ID: 334586M) u t-Tabib Carmel Buttigieg (ID: 430464M)**

**DIGRIET MOGHTI FIL-MIFTUH GĦAR-RIKORS IMRESSAQ MIS-SOĊJETA' MALTESE CROSS COMPANY LIMITED FIT-28 TA' ĠUNJU 2022 SABIEX TAWTORIZZA LIS-SOĊJETA' MALTESE CROSS**

# COMPANY LIMITED TINTAVOLA APPELL MIS-SENTENZA PARZJALI TAT-22 TA' ĠUNJU 2022 QUDDIEM IL-QORTI KOSTITUZZJONALI

**Il-Qorti,**

Rat ir-**rikors** tas-soċjeta' **Maltese Cross Company Limited**, intavolat fit-28 ta' Ġunju 2022 (fol 92) li permezz tiegħu talbet lil din il-Qorti:

> *"...tagħtiha l-awtorizzazzjoni tagħha biex tippreżenta appell mis-sentenza parzjali tat-22 ta' Ġunju 2022 quddiem l-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali."*

Rat ir-**risposta** tal-**Avukat tal-Istat**, intavolata fid-19 ta' Ottubru 2022 (fol 103).

Rat ir-**risposta** tal-intimati **Maria Regina Granata, Mary Carmen Vella, Nicolette Ghigo, Andrea Vannini** u **t-Tabib Carmel Buttigieg**, intavolata fl-24 t'Ottubru 2022 (fol 107).

Rat illi fl-udjenza tas-17 ta' Frar 2023, il-partijiet trattaw ir-rikors.

Rat l-atti kollha.

**Ikkunsidrat**

Illi permezz tar-**rikors** odjern is-soċjeta' rikorrenti **Maltese Cross Company Limited** talbet lil din il-Qorti tawtorizzaha sabiex tintavola appell mis-sentenza parzjali tagħha tat-22 ta' Ġunju 2022 quddiem l-Qorti Kostituzzjonali.

Tikkontendi li ma taqbilx mal-imsemmija deċiżjoni għal numru ta' raġunijiet hemmhekk elenkati.

Issostni li s-sentenza parzjali *de quo* qegħda xxekkel id-drittijiet taghha sanċiti mill-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 4 tal-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta - li persuna għandha dritt li tadixxi quddiem il-Qorti Ċivili Prim' Awla (Sede Kostituzzjonali) jekk tħoss li d-drittijiet fundamentali tagħha inkisru - qeghdin jinkisru jew sejrin jiġu miksura. Issostni li ż-żamma tas-soċjeta` rikorrenti milli tipprogredixxi bil-kawża kostituzzjonali li għamlet jikkostitwixxi vjolazzjoni tad-dritt għal smigħ xieraq garantit mill-Artikolu 6.

Issostni li permezz tas-sentenza parzjali *de quo*, Maria Regina Granata et kisbet vantaġġ fuq is-soċjeta` rikorrenti u dana stante li din ġiet imblukkata sakemm Maria Regina Granata et ikunu kisbu sentenza definittiva, li tista' tkun għad-detriment tas-soċjeta' rikorrenti.

Issostni li l-liġi ma tipprovdi mkien li żewġ kawżi kostituzzjonali ma jistgħux jitħallew jinstemgħu flimkien u għalhekk il-provvediment mhux konformi mal-liġi. Issostni li għalhekk is-sentenza parzjali mogħtija qiegħda tiddiskrimina bejn iż-żewġ proċedimenti kostituzzjonali li huma l-istess.

Tgħid li peress illi ż-żewġ kawżi kostituzzjonali jirrigwardaw l-istess kuntratt u għandhom mertu simili, kien ikun opportun li wieħed jistenna d-determinazzjoni taż-żewġ kawżi qabel ma jkun jista' jifforma u jieħu deċiżjoni dwar x'għandu jsir skont l-eżitu taż-żewġ kawżi. Tispjega li ma tistax issir għażla gialadarba ma jiġux finalizzati u deċiżi ż-żewġ kawżi. Issostni li għalhekk id-deċiżjoni ta' din il-Qorti kienet waħda żbaljata u leżiva għad-drittijiet ta' aċċess tal-Qorti u għal rimedju effettiv.

Minn naħa tiegħu, l-**Avukat tal-Istat** isostni li t-talba tas-soċjeta' Maltese Cross Company Limited imressqa fir-rikors tagħha għandha tiġi miċħuda u dana stante li ma jaqbilx mar-raġunijiet elenkati mill-istess soċjeta' dwar ir-ragunijiet mressqa ghaliex hija għandha titħalla tappella.

Jikkontendi li jekk kemm -il darba t-talba tas-soċjeta' rikorrenti tiġi miċħuda bl-ebda mod ma jista' jingħad li l-Qorti tkun qed tilledi d-dritt għal smiegħ xieraq u/jew l-aċċess għal Qrati. Isostni li fi kwalunkwe kawża kull parti għandha dritt sanċit li tinstema', tressaq provi u tagħmel sottomissjonijiet quddiem Qorti imparzjali u indipendenti, inkluż fil-kawża fejn is-soċjeta' rikorrenti hija konvenuta. Jgħid għalhekk li l-argument li l-proċeduri fejn is-soċjeta' rikorrenti hija konvenuta huwa argument mhux ppruvat u dana stante li dawk il-proċeduri joffru l-istess garanziji proċedurali lis-soċjeta' rikorrenti.

Jispjega li fil-proċeduri 122/2018 (fejn is-soċjeta' rikorrenti hija konvenuta) ingħata sentenza fis-6 ta' Ottubru 2022 li minnha sar appell. B'hekk jonqos biss li l-Qorti Kostituzzjonali tiddeċiedi l-appell bil-konsegwenza li fi żmien qasir il-kawża odjerna ser tiġi ri-appuntabbli u tista' tkompli tinstema fil-mertu.

Isostni li ma jaqbilx mar-raġunijiet mogtħija fir-rikors stante illi s-sorprasessjoni ta' Qorti sabiex tissokta kawża relatata ma dik odjerna ma tistax awtomatikament tfisser illi din ser twassal għal leżjoni għal aċċess għal Qorti u/jew smiegħ xieraq u b'hekk lanqas m'għandu jkun hemm pressjoni fuq il-Qorti li jekk kemm -il darba parti ma titħalliex tappella, dan ser iwassal għal xi leżjoni tad-drittijiet.

Jispjega li ma jagħmilx sens kemm mil-lat prattiku u kemm mil-lat proċedurali li l-proċeduri odjerni jibqgħu għaddejjin qabel ma jkun hemm ġudikat finali fil-proċeduri bir-referenza 122/2018 ġialadarba tali proċeduri ressqin fit-tmiemhom.

Minn naħa tagħhom l-intimati **Maria Regina Granata et** jikkontendu li t-talba tas-soċjeta' rikorrenti hija superfluwa u mhux neċessarja billi l-artikolu 229(2)(e) tal-Kap 12 jipprovdi li appell minn deċiżjoni li todna l-waqfien, ossia s-soprasessjoni, ta' kawża huma immedjatament appellabbli mingħajr il-ħtieġa ta' ebda permess jew awtorizzazzjoni.

Jgħidu li fi kwalunkwe każ id-deċiżjoni tat-22 ta' Ġunju hija ġiusta u ineċċepibbli u l-appell sa jsarraf biss fi spejjeż inutli.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Il-Qorti tibda biex tosserva li l-artikolu **229(3) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta** jgħid testwalment hekk:

> *(3) Ħlief kif provdut speċifikatament mod ieħor f'dan il-Kodiċi, appell minn kull digriet interlokutorju ieħor* ***li mhuwiex inkluż fis-subartikoli (1) u (2)*** *jista' jsir biss qabel is-sentenza definittiva jekk il-qorti li tkun qed tittratta l-każ tagħti permess peċjali sabiex dan isir, liema permess għandu jintalab b'rikors li jiġi preżentat fi żmien għaxart' ijiem mill-jum meta d-digriet jinqara bil-miftuħ fil-qorti. Il-qorti, wara li tkun semgħet lill-partijiet, tista' tilqa' li jsir dan l-appell jekk jidhrilha li jkun aħjar u ġust li l-kwistjoni tinġieb quddiem il-Qorti tal-Appell qabel ma tingħata s-sentenza definittiva u t-terminu biex jiġi preżentat tali appell għandu jibda jgħaddi mid-data tad-digriet li bih il-Qorti tkun laqgħet li jsir dak l-appell.*

Isegwi għalhekk li jekk kemm -il darba l-mertu ta' digriet interlokutorju jinkwadra ruħu f'dawk is-sitwazzjonijiet komtemplati fis-subartikoli (1) u (2) tal-artikolu 229 tal-Kap 12, ikun ifisser li parti tista' tappella mill-istess digriet mingħajr il-ħtieġa li jintalab il-permess tal-Qorti.

Tosserva li l-artikolu **229(2)(e) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta** jgħid hekk:

> *(2) Id-deċizjoni tal-qorti fil-każijiet hawn taħt imsemmija għandha tingħata permezz ta' digriet li jinqara bil-miftuħ fil-qorti f'jum li jiġi debitament notifikat lill-partijiet, u jista' jsir appell minn dak id-digriet qabel is-sentenza definittiva bla ħsara għall-proċedura stabbilita fis-subartikoli (4) u (5):*
>
> *(e)* ***digriet li jordna l-waqfien tal-proċedimenti;***

Isegwi għalhekk f'każ ta' digriet li jordna l-waqfien tal-proċedimenti ma hemmx il-ħtieġa li jintalab il-permess tal-Qorti li tkun tat dak l-istess digriet sabiex parti tkun tista' tappella mill-istess deċiżjoni.

Jirriżulta li d-deċiżjoni *de quo* ingħatat fil-forma ta' sentenza parzjali u għalhekk jista' jsir l-argument li l-fattispeċi tal-każ odjern ma jinkwadrawx ruħhom fil-parametri tal-artikolu 229(2)(e) tal-Kap 12. F'dan ir-rigward, il-Qorti tosserva dak li qalet il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fid-deċiżjoni tagħha fl-ismijiet **Vassallo Builders Limited vs Il-Perit David Felice et** deċiża fid-29 t'April 2022, fejn il-Qorti qalet is-segwenti:

> *"Provvediment li għandu x'jaqsam ma' talba għall-waqfien tal-proċeduri huwa meqjus bħala digriet skont l-artikoli 229(1)(m) u 229(2)(e) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta".*

Il-Qorti zzid tghid illi l-kliem uzat mis-sub-artikolu (2) tal-artikolu 229 tal-KAP 12 juza l-kliem "*id-decizjoni tal-qorti*" u ma tillimitax ruha specifikament ghal digrieti.

B'hekk din il-Qorti m'għandhiex dubju li d-deċiżjoni tagħha tat-22 ta' Ġunju 2022 fl-ismijiet premessi tammonta għal digriet li jordna l-waqfien tal-proċediment u konsegwentament il-permess tagħha mhuwiex rekwiżit sabiex ikun jista' jiġi intavolat appell mill-istess deċiżjoni. Lanqas ma jirrizulta illi s-socjeta' rikorrenti utilizzat l-ghodda moghtija bis-sub-artikolu 4 tal-Artikolu 229 sabiex tigi rikonsidrata mill-gdid id-decizjoni de quo.

Għalhekk din il-Qorti tqis it-talba tas-soċjeta' rikorrenti bħala waħda mhux neċessarja u ser tastjeni milli tipprovdi ulterjorment dwarha.

**Għaldaqstant, tenut kont dak hawn fuq kunsidrat, din il-Qorti qed tgħaddi biex tastjeni milli tipprovdi dwar it-talba tas-soċjeta' Maltese Cross Company Limited kif kontenuta fir-rikors tagħha tat-28 ta' Ġunju 2022 u dana stante li l-awtorizazzjoni rikjesta mhix rekwiżit ai termini tal-Artikolu 229 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta.**

**L-ispejjeż ta' dan id-digriet għandhom jiġu sapportati mis-soċjeta' Malta Cross Company Limited.**

**Onor. Ian Spiteri Bailey**
**Imhallef**

**Marisa Bugeja**
**Deputat Registratur**